# Il-knisja ta' Santa Katerina t'Alessandria
# - Ħal Qormi -

Kitba ta' Noel Ciantar
(mibnija fuq artiklu bl-Ingliż ta' Hilary Spiteri mill-ktieb
*Filial Churches in Malta – Qormi: A Case Study*
u minn kitbiet tal-Kanonku Vincent Borg *Melita Sacra II u III*)

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

F'Ħal Qormi, int u sejjer lejn il-parroċċa ta' San Ġorg martri, insibu sensiela ta' tlett knejjes filjali żgħar, waħda wara l-oħra kollha fl-istess triq, liema triq jisimha "*Triq Santa Katerina*". Waħda minnhom, dik li ser nitkellmu fuqha hawn, hija ddedikata propju lil Santa Katerina ta' Lixandra filwaqt li t-tnejn l-oħrajn diġà ktibna fuqhom u huma ddedikati lill-Appostlu San Pietru u lil Santa Marija mlaqqma "*Ta' Qrejċa*".

**L-oriġini**

L-ewwel knisja b'dan l-isem tissemma' fir-rapport taż-żjara tal-monsinjur Dusina fl-1575. Din hi probabli l-knisja li kienet inbniet fl-ewwel nofs tas-seklu sittax. Dusina nnota li din il-knisja kellha altar tal-injam kif ukoll bibien tal-injam iżda ma kellha xejn aktar. La kellha rettur u lanqas ma' kienet tgawdi minn xi benefiċju li seta' jirrerndilha xi dħul.

L-eredi ta' Agata Cassia, li ma jissemmewx b'isimhom fir-rapport ta' Dusina, kellhom jiċċelebraw il-festa tal-qaddisa bl-ewwel vespri u bil-quddiesa għax kellhom dar li kellha marbut magħha dan l-obbligu. Minn dokumenti varji jidher li l-familja Cassia kellha ċertu influenza f'Ħal Qormi lejn l-aħħar tas-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax kemm fl-isfera soċjali kif ukoll f'attività finanzjarja. Il-familja Cassia kienu benefatturi u kienu jagħtu flus għaż-żamma tat-tlett knejjes fi triq Santa Katerina u mhux għall-kappella ta' Santa Katerina biss.

Id-dar tal-eredi ta' Agata Cassia kienet viċin tal-kappella ta' Santa Katerina skont ir-rapport taż-żjara pastorali tal-monsinjur Dusina. Aktar tard, id-dar bdiet tinkera u fl-1588, miż-żjara tal-isqof Tommaso Gargallo nafu li l-knisja kienet iddaħħal minn din il-kirja seba' *tari* fis-sena. F'din is-sena barra l-altar maġġur din il-knisja kellha tlett altari laterali oħrajn. F'din is-sena wkoll dawn l-altari nħattew sabiex l-altar maġġur, li kien kemmxejn dejjaq, seta' jitkabbar. Il-ġebel ta' dawn l-altari kellu jintuża biex jimbarra id-daħla tal-knisja ta' San Pietru fil-viċin. Niftakru li fis-sena 1575 Dusina kiren ordna li fil-knisja ta' San Pietru ma jsir xejn iktar fiha qabel ma jerġgħu jitpoġġew il-bibien tal-injam sabiex tkun tista' tingħalaq. Għalhekk jidher li sal-1588 dan kien għadu ma sarx. Intant, fil-knisja ta' Santa Katerina l-isqof Gargallo ordna li kellha tittieħed attenzjoni xierqa sabiex bil-lejl il-bibien kellhom jinagħlqu sew sabiex il-knisja "*ma tkunx lok ta' skandlu*". Iżda x'seta kien ikun dan l-iskandlu ma jingħadx.

Fl-1601 il-knisja kienet tiffunzjona sew minkejja li ma kelliex benefiċji u piżijiet il-fidili tal-inħawi kienu jipprovdu kull ma kien jeħtieġilha. Il-festa ta' Santa Katerina kienet tiġi ċċelebrata mill-kappillan ta' Ħal Qormi u wara l-kant tal-Ewwel Vespri kienet issir iż-żerda, l-ikla mogħtija lill-fqar u lill-fidili li kienu jattendu għall-festa. Fil-festa, kienet issir quddiesa u l-lampier kien jinxtegħel kull nhar ta' Sibt u fil-Festi Kmandati. Kienu jkunu ħafna dawk li jattendu għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Il-knisja, f'dan iż-żmien, kellha titular iżda kien għad ma kelliex gandlieri.

Fl-1604, fiż-żjara tal-isqof Tommaso Gargallo, insibu li l-prokuratur tal-knisja issa kien Francesco Cassia. Fl-1615, l-isqof Baldassere Cagliares sab li kellha pittura titulari li kienet turi 'l Santa Katerina fin-nofs, b'San Pietru u San Leonardu wieħed fuq kull naħa tagħha. Billi dak iż-żmien ma kelliex lampier, nhar ta' Sibtijiet kienet tinxtegħel torċa minflok. Il-ħtiġijiet tal-knisja kienu għadhom jieħdu ħsiebhom in-nies tal-inħawi.

Għal xi raġuni, il-knisja kienet inagħlqet għall-pubbliku fl-1618 b'digriet tal-isqof Baldassere Cagliares meta kien żahra dik is-sena. Iżda bħalma ġie li ġara f'sitwazzjonijiet oħra bħal dawn, donnu n-nies ma tatx kas x'qal l-isqof u n-nies baqgħet issostni u tiffrekwenta l-knisja bil-ġenerożità u l-għotjiet

tal-fidili tal-iħawi.  Dan jidher miż-żjara ta' wara li l-istess isqof kien għamel fl-1621 meta d-digriet li kien ħareġ tlett snin lanqas biss jissema'.

Fl-1636 fiż-żjara pastorali li kien għamel l-isqof Miguel Giovanni Balaguer Camarasa insibu ħjiel tad-dehra tal-knisja dak iż-żmien.  Hu jgħidilna li l-knisja kellha forma rettangolari u kienet imsaqqfa b'saqaf ċatt li kien iserraħ fuq tlett arkati ("*cum tribus anatis et tecto lapideo*").  Il-faċċata kienet tħares lejn il-punent u il-bieb kellu tieqa żgħira fiha kellha salib żgħir magħmul mill-ħadid fondut ("*fenestrella cruce ferreafiluita*").  L-isqof Balaguer iżid jgħid li kellha wkoll altar tal-ġebel u pittura titulari fuqu.

Din il-knisja baqgħet tiffunzjona b'xi mod jew ieħor matul is-seklu sbatax minkejja li kienet ċkejkna, essenzjalment kamra bi tlett ħnejjiet.  Il-festa baqgħet tiġi ċċelebrata bil-kant tal-Ewwel Vespri u l-quddiesa kantata.  Investiment ta' għoxrin *uncie* (uqija) kien jagħmel tajjeb għall-ispejjeż assoċjati mal-festa.  Il-quddiesa kienet issir anke kull nhar ta' Erbgħa.  Il-mejjet Agostino Bonavia kien ħallielha dota biex tkun tista' ssir din il-quddiesa ta' nhar t'Erbgħa.  Dan kien jiġi minn dħul ta' piż minn għalqa magħrufa bħala "*Ta' Harran*".

Il-bini tal-knisja li naraw illum beda madwar is-sena 1670.  Fl-1678 l-isqof Miguel Jeronimo de Molina kiteb li l-knisja kienet "*mibnija sabiħ*"  ("*di bella fabrica*").  Huwa kien ukoll faħħar din il-bijna l-ġdida u qal li kulħadd jagħraf lil din il-knisja bħala ċentru importanti biex tinfirex il-fidi Kattolika kif ukoll il-kult ta' Santa Katerina ta' Lixandra f'Malta.

Fl-1693 kienet saret żjara pastorali minn don Bartolomeus Bonnici fejn kienu qalulu li l-mejjet Antonio Bonavia kien kellu l-ħsieb li jerġa' jibni l-knisja.  Wara li saru l-verifiki dwar dan, dak li kien ħsieb f'moħħ il-benefattur mejjet, twettaq.  Fl-1747 l-isqof Pawlu Alpheran de Bussan kiteb li l-knisja kienet mibnija bis-saħħa ta' wirt ta' għerbgħin skud imħollija minn dan Antonio Bonavia.

Il-knisja l-ġdida kienet aktar moderna u akbar mill-waħda li postha ħadet.  Fuq il-bieb tal-faċċata (darba) kien hemm l-arma tal-isqof Cocco Palmieri.

Fil-faċċata l-ġdida ġew inkorporati żewġ twieqi, waħda fuq kull naħa tal-bieb sabiex il-fidili jkunu jistgħu jinviżtaw lis-Sagrament anke meta l-knisja tkun magħluqa. Fuq l-altar kien hemm pittura li kienet turi ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina ma' Ġesù Kristu. Il-lampier kien ukoll jinxtegħel fil-ġranet meta kellu jinxtegħel.

Il-knisja kienet ikkonsagrata fl-1696 kif jgħidilna l-isqof Bartolomeo Rull fiż-żjara pastorali li kien għamel fl-1758. Huwa minn dan ir-rapport li nafu li l-arma li kellha fuqha kienet tal-isqof Davide Cocco Palmieri, li kien sar Isqof ta' Malta fl-1684, għax l-arma kienet imħassra mis-suldati Franċiżi meta dawn kienu jaħkmu Malta bejn is-snin 1798 u 1800. Illum jidher biss il-kappell u s-sitt ġummieni fuq kull naħa li jirrappreżentaw l-episkopat. L-istess data, 1696, tidher (bilkemm) fuq in-naħa ta' fuq tat-tieqa l-kbira li hemm fuq il-bieb prinċipali fil-faċċata.

**Il-knisja minn barra**

L-allinjament tal-knisja l-ġdida kien inbidel meta mqabbel ma' tal-antika. Il-knisja l-ġdida issa nbniet tħares lejn il-Lvant. Bnewha fuq pjattaforma rettangolari, li titla' għaliha minn erba' tarġiet. Dan sar ukoll biex jikkoreġu d-diżlivell li hemm fuq is-sit li nbniet fuqu. Il-faċċata hija tipika tas-seklu sbatax tardiv, b'influnza tal-istil ta' Lorenzo Gafà li kien inxtered madwar Malta kollha.

Il-faċċata għandha żewġ pilastri kbar, wieħed f'kull kantuniera. Il-pilastri huma magħqudin bi gwarniċun li jgħaddi minn fuq dik l-arma vandalizzata mill-Franċiżi li diġà semmejna aktar 'il fuq. Fin-nofs hemm pediment maqsum imponenti li fuqu hemm salib tal-ġebel. Ġo nofs il-pediment hemm kampnar b'qanpiena waħda fih. Il-ġebla tax-xewka tal-kampnar fiha d-data 1797 mnaqqxa fiha li tista' tindika jew id-data tal-bini tal-kampnar innifsu jew anke meta tqiegħdet il-qanpiena fih. Fil-kantunieri, fuq il-gwarniċun, hemm par pilastri qosra tal-ġebel li huma ddekorati b'boċċa kbira tal-ġebel fuqhom.

Il-bieb prinċipali għandu forma rettangolari u hu mdawwar minn gwarniċun tal-ġebel. Fil-parti ta' fuq, il-gwarniċun joħroġ 'l barra. Fuqu hemm tieqa kwadra (l-"*oculos*"). Il-bieb prinċipali nnifsu għandu par twieqi kwadri, waħda fuq kull naħa fil-baxx, li diġà semmejna aktar 'il fuq. Dawn it-twieqi huma mbarrati bi gradilja tal-ħadid għas-sigurtà.

Mal-ħajt tal-lvant tal-knisja hemm sagristija li tista' tidħol għaliha minn barra minn bieb fuq in-naħa ta' wara tagħha. Il-bieb tas-sagristija għandu loġġ żgħir tal-ħadid.

**Il-knisja minn ġewwa**

Il-knisja hija msaqqfa b'saqaf troll li hu miżmum minn seba' kustilji nofs tond li jserrħu fuq xoffa tal-ġebel fil-għoli. Fl-1736 l-isqof Pawlu Alpheran de Bussan innota li l-knisja kellha altar tal-ġebel li kellu xi ħsarat. Ir-*rederos* fuqu li naraw illum sar fil-bidu tas-seklu tmintax u ħa post ieħor li kien hemm qablu.

Fl-1759 l-isqof Bartolomeo Rull innota li l-knisja kellha altar ġdid li kien fiħ niċċa li kien fiha relikwa ta' Santa Katerina. Hu innota wkoll li l-altar kellu żewġ tarġiet baxxi kif ukoll *rederos* tal-ġebel madwar it-titular ("*...cum altare in interior prospectu erecto eius regio a reliquo Ecclesia seccanditur duos gradus*").

L-altar jinsab imdaħħal ġo apside baxxa nofs tond. Fin-naħa ta' fuq hemm pediment segmentali miksur li jserraħ fuq gwarniċ tal-ġebel. Kollox hu merfugħ minn żewġ pari ta' pilastri gruppati ta' stil Tuskan, tnejn tnejn, par fuq kull naħa. Taħt il-pediment segmentali hemm gwarniċ rettangolari fil-ġebel li fih imnaqqxin is-simboli assoċjati ma' Santa Katerina, jiġifieri il-kuruna, il-palm kif ukoll ir-rota, l-istrument tal-martirju tagħha.

Ir *rederos* innifsu hu miżbugħ bi stil irħamat bħalma wieħed jara fil-kolonni tat-toroq li jkunu qed jerfgħu anġli, vari u trofej nhar il-festa. Id-dati 1904 u 1911 kif ukoll l-arma ta' Santa Katerina impinġijin b'xi faħma fuq il-

faċċata tal-altar ċertament jirreferu għal meta r-rederos kien inżebagħ b'dan il-mod.

**It-titular**

It-titular juri ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina ma' Ġesù. Meta l-knisja inagħtat lill-grupp tal-armar tal-festa "**Anici**" biex tintuża bħala maħżen għall-armar tal-festa, il-pittura ttieħdet fil-Mużew Parrokjali tal-parroċċa ta' San Ġorġ biex ma ssirilhiex ħsara u tiġi mħarsa.

Il-pittura li ra l-isqof Baldassere Cagliares fiż-żjara tal-1615 kienet differenti minn dik li naraw illum. Dak iż-żmien kienet turi lil Santa Katerina ma' San Pietru u San Leonardu, wieħed fuq kull naħa. Din il-pittura kienet inbidlet fl-1681 b'pittura ikkummissjonata minn Sebastiano Bonavia li kien iben u l-eredi ta' Agostino Bonavia. Din il-pittura għandha miktub fuqha "*1681 SEBASTIANUS *ONAV***" flimkien mal-arma ta' Bonavia li tikkonsisti fl-linja wiegħsa diagonali blu bi tlett stilel fuq sfond abjad. Ta' min jinnota li l-kelma **ONAV*** setgħet kienet jew BONAVIA, kunjom dak li kien ħallas għaliha, jew DONAVIT, li tfisser "irregalaha (essenzjalment ħallas għaliha)". Min pinġa l-pittura ma nafux.

Fl-1635 (ie qabel ma l-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid għal ħabta tal-1670) l-isqof Miguel Juan Balaguer Camarasa kien semma' li ra pittura fil-knisja ddedikata 'l Santa Katerina iżda din ma kenitx qiegħda mdendla fuq l-altar. Hu ddeskriva din il-pittura bir-reqqa. Il-pittura kienet turi 'l Santa Katerina b'ilbies lussuż b'kuruna fuq rasha, kif jixirqilha bħala prinċipessa. Il-qaddisa kienet qed iżżomm il-palma, simbolu tal-martirju, f'idha. Ġesù Bambin jidher f'ħoġor il-Madonna u jintwera jqiegħed ċurkett f'subgħaj il-qaddisa Katerina. F'dan il-kwadru jidhru wkoll San Ġużepp, raffigurat bħala xwejjaħ, kif ukoll żewġ anġli li jidhru fl-isfond. L-isqof Balaguer Camarasa iżid jgħid li l-arma li hemm impinġija fuq in-naħa tax-xellug fil-qiegħ tal-kwadru kienet ta' Agostino Bonavia.

Fl-1680 l-isqof Miguel Jeronimo de Molina jirreferi għall-pittura li kien ikkummisjona Sebastianus Bonavia bħala "*pittura ġdida*" ("*quadro*

*moderno*"). Aktar tard fl-1686 l-isqof Davide Cocco Palmieri jerġa' jsemmi l-istess pittura iżda hu din id-darba sabha imdendla fuq l-altar maġġur.

Hawnhekk wieħed jinnota li d-dati u l-ismijiet li semmew l-isqfijiet viżitaturi ma jaqblux. Għidna li l-pittura l-ġdida, imħallsa minn Sebastiano Bonavia hija ddata 1681. Iżda qed ngħidu wkoll li l-isqof Balaguer Camarasa ra pittura ta' Santa Katerina fl-1635 (dik li ma kenitx imqiegħda fuq l-altar maġġur) u jgħid li l-arma fuq il-pittura kienet dik ta' Antonio Bonavia. Fl-1635 wieħed kien qed jitkellem dwar il-knisja l-antika. Hu ddeskriviha bir-reqqa u tidher li kienet tixbaħ tassew dik li fl-1680 (knisja l-ġdida) l-isqof Molina jiddeskrivi bħala "*pittura ġdida*" fuq l-altar maġġur. Fuq kollox Balaguer Camarasa jgħid li l-arma fuq il-pittura kienet dik ta' "*Antonius Bonavia*" filwaqt li l-pittura li għandna llum turi l-isem "*Sebastianus*" u mhux "*Antonius*".

Dan jista' jindika li l-pittura li ra u ddeskriva l-isqof Balaguer Camarasa ma kenitx l-istess waħda li ra l-isqof Molina fl-1680 minkejja x-xebħ fid-deskrizzjoni li tana. Iżda jista' jkun ukoll li l-pittura l-moderna li kkummisjona Sebastianus Bonavia kienet kopja fidila ta' pittura oħra aktar qadima li kien ikkummisjona missieru Antonius u li forsi riedet tinbidel għal xi raġuni jew oħra. Jista' jkun ukoll li l-pittura l-antika kienet irrestawrata u mġedda u nbidel l-isem fuq l-arma biex jirrifletti min kien ħallas għat-tiġdid. Ma nafux, u sakemm isir studju sew fuq din il-pittura, jibqa' dan il-misteru. Nota Editorjali: Ikkuntatjat lis-sur Hilary Spiteri, l-awtur tal-artikolu bl-Ingliż, dwar dan iżda għadu ma bgħatlix rispota. Jekk din tasal, naġġorna l-artiklu.

**Il-knisja llum**

Illum il-knisja ta' Santa Katerina qed tintuża bħala maħżen għall-armar tal-festa tal-grupp tal-armar "Anici". Il-knisja għandha bżonn ta' restawr. Biss biss, il-faċċata qed tittiekel u titmermer. Iżda wieħed jimmaġina li ma tantx hemm tama li ssir xi ħaġa sakemm il-ħsarat ma jaffetwax l-armar li hemm fiha. Nisperaw u nittamaw li l-interess f'din il-kappella jkun biżżejed biex isiru l-interventi meħtieġa irrispettivament mill-użu li qed isir minnha.